



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7865/24

COPS 128
CFSP/PESC 398
CLIMA 127
DEVGEN 35
ENV 316
ONU 35
RELEX 339
CONUN 59
ENER 142
SUSTDEV 42

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ekoloġika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ekoloġika kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Marzu 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ekoloġika tal-UE***Diplomazija tal-UE li tippromwovi tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-impenji globali***

1. Il-Kunsill itenni l-gravità tal-aċċellerazzjoni, l-approfondiment u t-tiżiżi reċiproku tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, li toħloq theddida globali u eżistenzjali u taggrava t-tħassib eżistenti dwar is-sigurtà. Il-Kunsill jemmen bis-siżiżi li din il-kriżi għandha tiġi indirizzata b'mod komprensiv u integrat permezz ta' multilateraliżmu msaħħa u azzjoni globali u bħala komponent ewlieni tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE li taħdem mill-qrib mas-sħab biex taċċellera tranżizzjoni ekoloġika globali ġusta u inklużiva. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol ewlieni tad-diplomazija ekoloġika tal-UE fl-ankraġġ u l-konsolidazzjoni tal-impenji globali u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom, inkluż dawk identifikati fl-eżitu tal-ewwel Rendikont Globali (GST) skont il-Ftehim ta' Pariġi, maqbul f'Dubai fit-28 Konferenza tan-NU dwar il-Klima, u fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jsaħħu l-kollaborazzjoni mas-sħab fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) ambizzjużi li jindirizzaw b'mod effettiv l-impenji meħuda fil-GST, inkluż it-"tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili". Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu mas-sħab biex jiżviluppaw u jippreżentaw Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs), kif ukoll miri rilevanti, aġġornati u żviluppati qabel is-16-il Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-membri tal-G20 biex jieħdu rwol ta' tmexxija f'dan ir-rigward, peress li jirrappreżentaw madwar 80 % tal-emissjonijiet globali u għandhom rwol ewlieni biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u klimatiċi tad-dinja. Il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa l-ħtieġa għal azzjoni immedjata, urġenti u aċċellerata, kif issottolinjat mir-rapporti tal-IPCC, l-IPBES u l-IRP¹ u jafferma mill-ġdid l-importanza ta' tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika mmexxija mix-xjenza li tkun ġusta, inklużiva, sostenibbli, f'armonija man-natura, u f'konformità mal-impenji, il-politiki, il-prinċipji u l-valuri tal-UE. Il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni msaħħa mas-sħab fil-livelli kollha, u b'mod konġunt man-negożji u l-industriji, biex jibbenefikaw bis-siżiżi mill-opportunitajiet li t-tranżizzjoni ekoloġika toffri lil kulħadd

¹ Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi u l-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi

inkluż kompetittività msaħħa, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir u jiġbed l-attenzjoni għar-rwol abilitanti tal-kummerċ ħieles, miftuħ u ġust.

3. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar il-ħsara għall-klima u l-ambjent, minbarra t-tbatija enormi għall-bnedmin, ikkawżata minn konflitti armati li għaddejjin madwar id-dinja kollha u r-riskju li dawn joħlqu għal azzjoni globali effettiva biex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tripla.
4. Il-Kunsill jikkundanna l-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu għall-Ukrajna u għall-poplu tagħha. Din il-gwerra kkawżat ħsara ambjentali enormi, riskji għas-sikurezza nukleari, u ppreċipitat l-insigurtà tal-enerġija u tal-ikel fuq livell dinji. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-ħsara, u huwa impenjat li jindirizzaha fil-kuntest tal-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-Kunsill jappella wkoll lill-komunità internazzjonali biex iżomm lir-Russja responsabbli.
5. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni mmirati lejn il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni falza jew manipolata relatata mat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali, it-tniġġis u l-konsegwenzi tagħhom u jindika l-importanza tax-xjenza u l-educazzjoni.
6. Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt jibqgħu l-boxxla komuni tal-UE u l-valuri ewlenin inkluż fid-diplomazija ekoloġika tagħna. L-aċċess għal ambjent nadif, f'saħħtu u sostenibbli huwa dritt tal-bniedem. Għandha tingħata enfasi speċifika lid-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh, peress li dawn jaqdu rwol inseparabbli bħala aġenti tal-bidla fi sfidi u soluzzjonijiet futuri. L-UE ser tkompli wkoll tiddefendi, tippromwovi u tipproteġi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jissaħħu l-vuċi u l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa u l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha bl-għan li jittejbu l-politiki dwar il-klima, l-enerġija, l-ambjent u l-ilma. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ambjentali, il-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-persuni b'diżabilità u l-protezzjoni tagħhom, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom.

7. Il-Kunsill jappella għal approċċ koordinat biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-art, id-deżertifikazzjoni u t-telf tal-bijodiversità u jissottolinja r-rwol kritiku tal-oċeani u l-ekosistemi u l-importanza ta' Soluzzjonijiet Ibbażati fuq in-Natura. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għal kollaborazzjoni msaħħa bejn is-segretarjati tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) u jistieden lill-Partijiet biex itejbu l-kooperazzjoni bejn il-punti fokali nazzjonali, kif adatt biex jippromwovu sinerġiji aktar b'saħħithom fil-livell internazzjonali u dak nazzjonali.
8. Il-Kunsill jistenna b'interess l-adozzjoni ta' Patt orjentat lejn l-azzjoni fis-Summit tan-NU dwar il-Futur f'Settembru 2024. Il-Patt għandu jafferma mill-ġdid l-impenn għar-riforma tas-sistema multilaterali u jippermetti lin-NU tindirizza l-isfidi globali attwali u futuri, u twettaq l-impENji ewlenin tagħha, inkluż l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (AAAA), u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF). Il-Patt għandu jindirizza wkoll l-interkonnessjonijiet bejn it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali, il-ħtiġijiet tal-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem u l-paċi u s-sigurtà.
9. Il-Kunsill jistieden lis-sħab biex jaħdmu mill-qrib mal-UE biex jaċċelleraw u jibbenefikaw mit-tranżizzjoni ekoloġika u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' impenji globali permezz ta' oqfsa bħal Alleanzi Ekoloġiċi, Sħubijiet Ekoloġiċi, Aġendi Ekoloġiċi, djalogi ta' livell għoli, ftehimiet kummerċjali u formati importanti oħra għall-kooperazzjoni, bħall-Ftehim ta' Samoa. Il-Kunsill itenni l-importanza tas-Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta u jibqa' impenjat għall-operazzjonalizzazzjoni ulterjuri tagħhom bl-appoġġ tas-sħab rilevanti. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fil-Balkani tal-Punent, fl-Afrika u madwar id-dinja, b'mod partikolari ma' daww l-aktar vulnerabbli, inkluż il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħir li qed Jiżviluppaw (SIDS) u l-pajjiżi sħab li ressu pjanijiet ambizzjużi, permezz tal-inizjattivi tal-NDICI Ewropa Globali u ta' Tim Ewropa u fl-ambitu tal-Istrateġija Global Gateway, fost l-oħrajn. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-rwol tas-settur privat u n-negozji u l-kollaborazzjoni magħhom f'dawn l-isforzi.

10. F'konformità mal-perkorsi rispettivi tagħhom tal-UE, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-appoġġ u l-kooperazzjoni mal-kandidati għall-adeżjoni mal-UE biex taċċellera l-allinjament tagħhom mal-acquis tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż fil-kuntest tal-Komunità tal-Enerġija, u biex tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva tagħhom.
11. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Emirati Għarab Magħquda (EGħM) talli ospitaw il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP28) f'Dubai u jilqa' l-adozzjoni tal-kunsens tal-EGħM. L-UE tistenna b'interess li taħdem mas-sħab kollha, inkluż mat-trojka tal-Presidenza attwali, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Presidenzi tal-COP li jmiss tal-Ażerbajġan u l-Brażil għal eżiti ta' suċċess u ambizzjużi tal-COP29 u l-COP30.
12. Il-Kunsill jesprimi tħassib kbir li, minkejja l-progress ġenerali li sar fil-livell multilaterali u l-passi u l-azzjonijiet konkreti meħuda fil-livell nazzjonali, il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi kollettivament għadhom mhumex fit-triq it-tajba biex jilhqqu l-għan tiegħu u l-għanijiet fit-tul tiegħu, kif rikonoxxut fl-ewwel Rendikont Globali (GST).

13. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex isegwu l-implimentazzjoni tal-eżitu tal-ewwel Rendikont Globali (GST) bħala gwida importanti għal azzjoni msaħħa f'dan id-deċennju kritiku, kif ukoll għat-tħejjija tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs), li għandhom jiġu ppreżentati minn disa' sa tnax-il xahar qabel il-COP30 ta' Novembru 2025², li jirriflettu l-ogħla ambizzjoni possibbli kif ukoll ifittxu sinerġiji mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Iż-żieda fl-ambizzjoni f'dan id-deċennju kritiku u lil hinn teħtieġ li jinkiseb tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 43 % sal-2030 u 60 % sal-2035, meta mqabbla mal-livelli tal-2019. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-membri tal-G20 biex jieħdu t-tmexxija fl-implimentazzjoni tal-eżitu tal-ewwel GST, inkluż it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, u jistieden lis-sħab kollha biex jaħdmu mal-UE u l-Istati Membri tagħha fuq NDCs aktar ambizzjużi. L-UE hija impenjata li taħdem ukoll ma' pajjiżi sħab, sħab għall-iżvilupp, organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet bħas-Sħubija tal-NDC, biex tiżviluppa u timplimenta NDCs ambizzjużi b'mira għall-2035. L-UE tfakkar fl-appell tal-COP28 lill-partijiet kollha biex jinkludu, fl-NDCs tagħhom, miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha u jkunu allinjati mal-għan li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1.5 °C. Il-Kunsill jappella wkoll lill-pajjiżi sħab biex jippreżentaw jew jaġġornaw l-istrateġiji fit-tul tagħhom ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra lejn il-kisba ta' emissjonijiet zero netti sal-2050.
14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-UE hija impenjata għan-newtralità klimatika sal-2050 u għandha l-għan li tikseb emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li stabbiliet mira intermedja li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. L-UE qed tieħu azzjoni determinata u deċiżiva biex twettaq dawn il-miri legalment vinkolanti minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u toffri li taqsam l-esperjenza, it-tagħlimiet meħuda, l-aħjar Prattiki, u s-soluzzjonijiet innovattivi żviluppati mill-politika, ir-riċerka, l-industrija u n-negozju tal-UE mas-sħab globalment, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' NDCs aktar ambizzjużi.

² *Id-Deċiżjoni tal-ġenarali CMA, Eżitu tal-ewwel GST, il-paragrafu 166, il-verżjoni preliminari mhux editjata*
[CMA4_AUV_TEMPLATE \(unfccc.int\)](#).

15. Il-Kunsill jieħu nota tal-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u t-triq lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Il-Komunikazzjoni tinforma d-diskussjoni tal-NDC tal-UE li għandha tiġi ppreżentata ferm qabel il-COP30. Din tibgħat sinjal qawwi lis-swieq u lill-investituri, u lil sħab internazzjonali oħra biex ikabbru l-ambizzjoni tagħhom stess, u biex ipoġġu d-dinja fuq trajettorja li hija kompatibbli mal-għan tat-temperatura ta' 1.5 °C.
16. Il-Kunsill jistieden lis-sħab biex jaħdmu mal-UE fuq l-iżvilupp ta' approċċ globali dwar l-ipprezzar tal-karbonju, bħala l-aktar mod effiċjenti u kosteffettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġu stimulat l-investimenti ekoloġiċi, u jħeġġeġ u jappoġġa ġurisdizzjonijiet oħra biex jintroduċu jew itejbu l-mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju tagħhom stess, fost l-oħrajn billi jallinjaw is-swieq tal-karbonju mas-Sejħa għal Azzjoni għas-Swieq tal-Karbonju allinjati fuq il-Ftehim ta' Pariġi. F'konformità mal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO, il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u sensibilizzazzjoni mas-sħab biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fil-proċessi tal-produzzjoni.
17. Il-Kunsill jappella wkoll b'urġenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mas-sħab u fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex jaqblu dwar miżuri ambizzjużi li jindirizzaw l-emissjonijiet tat-trasport internazzjonali inkluż it-tbajhir u l-avjazzjoni, u biex jaħdmu biex tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-bini sal-2050. Il-Kunsill jappella wkoll lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jippromwovu tnaqqis gradwali globali ambizzjuż tal-idrofluworokarburi (HFCs) skont l-Emenda ta' Kigali tal-Protokoll ta' Montreal, kif ukoll tnaqqis sostanzjali ta' gassijiet F oħra bħall-SF6 fl-għaxar snin li ġejjin.

18. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa ta' miżuri konkreti biex jiġu indirizzati ż-żieda fl-emissjonijiet tal-metan. L-UE ser tkompli tappella lis-sħab li għadhom ma għamlux dan biex jingħaqdu mal-Wegħda u biex jinkludu miżuri konkreti għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' azzjonijiet immirati fis-setturi rilevanti kollha u jissottolinja l-opportunitajiet fuq terminu qasir fis-settur tal-enerġija biex jiġu indirizzati t-tnixxijiet, l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan u jappella għat-tisħiħ tal-involviment mal-pajjiżi sħab b'appoġġ għall-ħidma tal-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jinħolqu kundizzjonijiet, inkluż permezz ta' skemi effettivi ta' skambju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, bħal "You Collect/We Buy", f'kooperazzjoni mal-pajjiżi produttori³.
19. Filwaqt li jibni fuq is-sejħa tal-GST biex issir tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, filwaqt li tiġi aċċellerata l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex jinkisbu emissjonijiet zero netti sal-2050 f'konformità max-xjenza, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal azzjoni bbażata fuq il-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2023. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma determinati li jinvolvu ruħhom ma' pajjiżi sħab biex jippromwovu settur tal-enerġija fil-biċċa l-kbira ħieles mill-fjuwils fossili ferm qabel l-2050 f'konformità mal-għan tan-newtralità klimatika f'nofs is-seklu, u jaħdmu lejn l-implimentazzjoni, permezz ta' azzjoni aċċellerata f'dan id-deċennju kritiku, stadji importanti u ambizzjoni settorjali addizzjonali, bl-għan li tinkiseb sistema tal-enerġija globali kompletament jew b'mod predominanti dekarbonizzata fis-snin 2030, li titlob li ma jitħalla l-ebda lok għal enerġija ġdida mill-faħam. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza għal kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi sħab inkluż permezz ta' inizjattivi multilaterali bħall-Powering Past Coal Alliance. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa għall-eliminazzjoni gradwali mill-aktar fis possibbli tas-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta.

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2023 dwar it-Tejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Dubai, 30 ta' Novembru – 12 ta' Diċembru 2023).

20. Il-Kunsill jilqa' s-sħab li ngħaqdu mal-Wegħda Globali għall-Enerġija Rinnovabbli u l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija, u jhegħgeġ lis-sħab kollha biex jintegraw l-għanijiet globali tal-GST ta' triplikar tal-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli u l-irduppar tar-rata annwali medja globali ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030 fl-NDCs u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jappella lid-diplomazija tal-UE biex tkompli tippromwovi adozzjoni aċċellerata u integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija rinnovabbli u l-approċċ "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", bħal fost l-aktar teknoloġiji ta' mitigazzjoni lesti għas-suq u disponibbli fuq skala kbira, l-iżvilupp ta' politika favorevoli u l-allinjament tal-flussi finanzjarji, b'mod partikolari b'appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota l-importanza tal-interkonnessjonijiet tal-elettriku ma' pajjiżi sħab, inkluż mal-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar. Il-Kunsill jappella lid-diplomazija tal-UE biex tkompli tippromwovi l-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
21. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal swieq globali tal-idroġenu bbażati fuq regoli, trasparenti u mingħajr distorsjoni bbażati fuq standards u skemi ta' ċertifikazzjoni affidabbli, u l-varar tal-infrastruttura meħtieġa, filwaqt li huwa konxju mill-istress tal-ilma u dak ambjentali. Il-Kunsill jissottolinja li t-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent jeżistu fuq skala limitata u għandhom jintużaw biex inaqqsu l-emissjonijiet minn setturi fejn huwa diffiċli li jitnaqqsu u li t-teknoloġiji tal-assorbiment għandhom jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi globali u ma għandhomx jintużaw biex idewmu l-azzjoni klimatika f'setturi fejn huma disponibbli alternattivi ta' mitigazzjoni fattibbli, effettivi u kosteffiċjenti, b'mod partikolari f'dan id-deċennju kruċjali.
22. Peress li xi pajjiżi sħab jagħżlu l-enerġija nukleari, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jkomplu jiġu promossi u appoġġati l-oġġla standards ta' sikurezza nukleari, ambjentali u ta' trasparenza, reġjonalment, fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri tal-UE, u globalment.

23. Il-Kunsill jappella għal prospettiva msaħħa għall-valutazzjoni kif ukoll għal politika proattiva biex jiġu indirizzati malajr id-dinamika ġeopolitika li qed tinbidel tat-tranżizzjoni globali tal-enerġija, u l-involvement mas-sħab fid-dawl tat-tnaqqis antiċipat tad-domanda għall-fjuwils fossili fl-UE, fil-prossimità tal-UE u globalment.
24. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi effettivi ta' diversifikazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE u AggregateEU li kkontribwew għall-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija mir-Russja. Biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija matul it-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġaw dawn l-isforzi ta' diversifikazzjoni, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles f'involvement mill-qrib mal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħu s-swieq trasparenti, ibbażati fuq ir-regoli u likwidi, u l-interkonnnessjonijiet ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi evitat li jinħolqu intrappolamenti tal-fjuwils fossili biex jiġi żgurat ippjanar tal-enerġija allinjat ma' 1.5 °C, il-potenzjal għal adattament mill-ġdid u infrastruttura li tibqa' valida fil-futur. Il-Kunsill jinnota bi tħassib it-theddid ċibernetiku u fiżiku dejjem akbar għall-infrastruttura kritika tal-enerġija, u jenfasizza l-importanza li jissaħħu s-sistemi tal-enerġija reżiljenti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mas-sħab globali. Id-diplomazija tal-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi li għaddejjin mill-Istati Membri affettwati u l-Ukrajna biex jiddiversifikaw il-provvisti tal-fjuwil nukleari, kif xieraq.
25. Il-Kunsill huwa impenjat għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sanzjonijiet kontra r-Russja, inkluż fis-settur tal-enerġija, u l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, u jappella lis-sħab biex isaħħu l-kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-politika tal-limitu massimu tal-prezzijiet taż-żejt.
26. Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli jappoġġa lill-Ukrajna f'kooperazzjoni mas-sħab, inkluż bit-tagħmir meħtieġ għat-tiswija, ir-restawr u d-difiża tas-sistema tal-enerġija tagħha, u li jibni settur tal-enerġija aktar reżiljenti, deċentralizzat u sostenibbli integrat mill-qrib mal-UE.

27. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi fid-deċennji li ġejjin, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista globali tal-materja prima kritika meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija f'konformità mal-Att dwar il-Materja Prima Kritika, filwaqt li jiġu żgurati standards ambjentali u soċjali għoljin u filwaqt li titqies bis-sħiħ id-dimensjoni ġeopolitika tagħha.
28. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa urġenti li l-faqar enerġetiku u l-aċċess universali għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 7, inkluż permezz ta' mudelli finanzjarji reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jiġu miġġielda l-effetti tal-faqar enerġetiku abbażi tal-ġeneru u biex jissaħħa l-aċċess tan-nisa għal impjiegi fil-qasam tal-enerġija nadifa. Il-Kunsill jappella għal enfasi partikolari fuq l-użu tal-aċċess għall-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni rurali permezz ta' sistemi tal-enerġija deċentralizzati, u l-isfida tat-tisjir nadif, inkluż f'ambjenti ta' spostament. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lis-sħab biex iżidu l-isforzi u l-kontributi tagħhom, b'appoġġ għal dawk l-aktar vulnerabbli li huma l-aktar fil-bżonn.
29. L-indirizzar tal-kriżi planetarja tripla jirrikjedi l-mobilizzazzjoni ta' aktar finanzjament, li l-biċċa l-kbira tiegħu ser ikollu jiġi minn sorsi privati. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni l-urġenza li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mal-perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima f'dan id-deċennju bħala faċilitatur kritiku tal-isforz globali biex jiġi mobilizzat il-finanzjament fuq skala kbira u biex jiġu approfonditi s-swieq globali tal-finanzi u tal-kapital sostenibbli f'dan ir-rigward.

30. Il-Kunsill itenni l-importanza u l-urġenza li tiġi aċċellerata r-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali u jieħu nota ta' inizjattivi bħas-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid u l-Aġenda ta' Bridgetown 2.0. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp, lill-azzjonisti tagħhom u lis-settur privat, biex iżidu l-provvediment u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima b'mod sinifikanti u rapidu, u jżidu l-firxa tiegħu b'mod partikolari għall-ifqar komunitajiet u pajjiżi u daww l-aktar vulnerabbli, inkluż żoni fraġli u milquta minn kunflitti li spiss jiffaċċjaw dejn għoli u nuqqas ta' spazju fiskali. Il-Kunsill jenfasizza li ebda pajjiż ma għandu jkollu jagħżel bejn il-ġlieda kontra l-faqar u l-ġlieda għall-pjaneta. L-UE thegħgeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex iżidu l-appoġġ tagħhom b'mod partikolari għal inizjattivi ta' adattament u ta' bini ta' reżiljenza, filwaqt li jinkiseb bilanċ bejn il-mitigazzjoni u l-adattament.
31. L-UE u l-Istati Membri tagħha jistennu b'interess li jinvolvu ruħhom mas-sħab internazzjonali għall-istabbiliment tal-għan kollettiv ġdid kwantifikat (NCQG) dwar il-finanzjament għall-klima fil-COP29, li jqis il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-finanzjament pubbliku bħala komponent importanti, u jkun immirat aħjar, b'mod partikolari lejn l-aktar pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli, filwaqt li fl-istess ħin jissottolinja r-rwol ewlieni tiegħu fil-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati. Hemm ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ l-ambjent li jiffavorixxi l-investimenti, filwaqt li tithegħgeġ aktar ambizzjoni klimatika u jiġu kkatalizzati l-investment privat u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-pajjiżi kollha.
32. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal bażi usa' ta' kontributori bħala prerekwiżit għall-istabbiliment ta' NCQG ambizzjuż u jappella lill-pajjiżi kollha skont il-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom, inkluż l-ekonomiji emerġenti, biex jikkontribwixxu għall-għan il-ġdid. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ħtiġijiet huma sostanzjali u li s-sorsi konvenzjonali ta' finanzjament pubbliku waħedhom ma jistgħux jipprovdu l-ammonti meħtieġa għall-għan il-ġdid, il-Kunsill jappella biex jiġu identifikati sorsi addizzjonali, ġodda u innovattivi ta' finanzjament minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, inkluż mis-settur tal-fjuwils fossili u setturi oħra b'emissjonijiet għoljin, u biex dawn jintużaw biex jiġi pprovdut finanzjament għall-klima, inkluż biex jiġu appoġġati l-aktar pajjiżi u komunitajiet fqar u vulnerabbli għat-tibdil fil-klima fil-mitigazzjoni u l-bini tar-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jistenna b'interess il-ħidma tat-Taskforce dwar it-Tassazzjoni Internazzjonali u l-ewwel valutazzjonijiet tagħha dwar l-għażliet li għandhom jiġu ppreżentati fil-COP29.

33. Fl-2022, l-UE u l-Istati Membri tagħha kkontribwew EUR 28.5 biljun għall-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, b'aktar minn nofs jindirizzaw l-adattament għat-tibdil fil-klima jew azzjoni trażversali li tinvolvi kemm inizjattivi ta' mitigazzjoni kif ukoll daww ta' adattament, u mmobilizzaw ammont addizzjonali ta' EUR 12-il biljun ta' finanzjament privat, li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-mira ta' USD 100 biljun fuq finanzjament għall-klima.
34. Minħabba l-konsegwenzi diġà severi tat-tibdil fil-klima, il-Kunsill jesprimi d-determinazzjoni tiegħu li jaħdem mas-sħab biex jiġu żviluppati Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament tagħhom, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà, b'mod partikolari mal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli inkluż l-LDCs u s-SIDS bl-użu ta' approċċi ta' adattament ibbażati fuq l-ekosistemi, fejn possibbli. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-Qafas tal-EGħM għar-Reżiljenza Globali għat-Tibdil fil-Klima fil-COP28, u l-miri maqbula tiegħu. Il-Kunsill jappella għal koordinazzjoni u kollaborazzjoni msaħħa bejn l-istrutturi eżistenti u l-proċessi ta' adattament għat-tibdil fil-klima fi ħdan u barra l-UNFCCC, sabiex jiżdied l-appoġġ għal, u tissaħħaħ l-implimentazzjoni ta', inizjattivi ta' adattament u ta' bini ta' reżiljenza, b'mod partikolari f'żoni fraġli u milquta minn kunflitti u jfakkar fl-importanza li tiġi appoġġata l-inizjattiva ta' Twissijiet Bikrija għal Kulħadd tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn tiegħu għall-oġettivi tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġestjoni tal-esponiment għar-riskju klimatiku.
35. Il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-azzjoni u l-appoġġ globali mis-sorsi kollha biex jiġu evitati, minimizzati, u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jilqa' d-deċiżjoni tal-COP28 li tħaddem l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament inkluż fond biex jiġu meġħjuna l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fir-rispons għat-telf u l-ħsara. Il-Kunsill jilqa' l-wegħdiet li saru għall-kapitalizzazzjoni inizjali tal-fond u għall-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti, inkluż wegħdiet sinifikanti mill-UE u l-EUMS u l-EGħM, u jappella għal bidu rapidu tal-fond.

36. L-UE u l-Istati Membri tagħha jenfasizzaw l-impenn tagħhom li jkunu fuq quddiem nett fl-isforzi kollettivi biex jiżdiedu l-provvediment u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'enfasi speċifika fuq pajjiżi u komunitajiet li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima bħal-LDCs, is-SIDS, u stati fraġli u milquta minn kunflitti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lis-sħab kollha, mir-reġjuni kollha, skont il-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom u inkluż daww il hinn mill-bażi tradizzjonali ta' fornituri ta' finanzjament għall-iżvilupp, biex jespandu l-appoġġ tagħhom għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-arranġamenti ta' finanzjament għar-rispons għat-telf u l-ħsara, inkluż għall-fond. Minħabba l-kobor tal-isfidi, il-Kunsill jenfasizza wkoll il-hteġa li jiġu identifikati sorsi ġodda u innovattivi ta' finanzjament.
37. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-ħarsien tal-wirt kulturali kontra l-effetti devastanti tat-tibdil fil-klima u l-eventi ta' temp estrem.
38. Filwaqt li jibni fuq is-sejbiet tal-Prospettiva Globali tar-Riżorsi 2024 mill-Panel Internazzjonali dwar ir-Riżorsi tal-UNEP, u bħala segwitu għar-rendikont globali, il-Kunsill jisħaq fuq l-opportunitajiet tal-ekonomija ċirkolari u l-bijoeconomija ċirkolari sostenibbli biex jinkisbu konsum u produzzjoni sostenibbli, tiġi ffaċilitata l-effiċjenza fir-riżorsi, u jitnaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, it-tniġġis ambjentali u l-impatti negattivi fuq il-bijodiversità. Fl-isforzi biex titħaffef it-tranżizzjoni, il-Kunsill jappella għal Konferenza ta' livell għoli tan-NU dwar l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12 u jistieden lis-sħab biex jingħaqdu mal-Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi.
39. Fil-għieda globali kontra t-tniġġis, il-Kunsill jappella għal sforzi konġunti biex jiġu konklużi, sal-2024, in-negozjati fuq Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti ambizzjuż biex jintemm it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, ibbażat fuq approċċ ta' ċiklu tal-ħajja sħiħ, u biex jintbagħat sinjal ċar dwar it-tnaqqis tal-produzzjoni ta' polimeri tal-plastiks primarji. Il-Kunsill jkompli jissottolinja l-hteġa għal involviment kostruttiv u attiv mas-sħab b'rabta ma' dan. Il-Kunsill jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi – Għal Pjaneta Ħielsa mill-ħsara minn Sustanzi Kimiċi u Skart u jappella għall-istabbiliment f'waqtu ta' Bord ta' Politika dwar ix-Xjenza biex jikkontribwixxi aktar għal ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart u għall-prevenzjoni tat-tniġġis.

40. Filwaqt li jtenni l-impenn qawwi tiegħu li jimplimenta l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal storiku, il-Kunsill ihegġegħ lill-Partijiet jirrevedu l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Bijodiversità u jippreżentaw il-miri nazzjonali allinjati mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità lis-Segretarjat tal-KDB kmieni biżżejjed għall-COP 16 f'Ottubru 2024.
41. Il-Kunsill jissottolinja li l-COP16 tal-KDB għandha ssaħħaħ il-momentum għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, u tlesti l-ħidma fuq kwistjonijiet pendenti, b'mod partikolari l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, il-mekkaniżmu multilaterali għall-kondiviżjoni tal-benefiċċji mill-użu ta' informazzjoni dwar is-sekwenza diġitali (DSI) u fuq il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, rappurtar u rieżami.
42. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jżid il-finanzjament għall-bijodiversità globali u l-urġenza li l-flussi fiskali u finanzjarji rilevanti jiġu allinjati mal-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità. Għaldaqstant, il-Kunsill jappella lill-atturi rilevanti kollha, inkluż il-banek multilaterali tal-iżvilupp, l-azzjonisti tagħhom u s-settur privat biex iżidu l-finanzjament għall-bijodiversità billi jesploraw is-sorsi kollha inkluż strumenti ta' finanzjament innovattivi, sinerġiji massimizzati mal-finanzjament għall-klima u koordinazzjoni internazzjonali msaħħa għall-allinjament tal-istandards għal għodod ta' finanzjament sostenibbli, bħat-tassonomiji. L-UE impenjat ruħha li tirdoppja l-finanzjament estern tagħha għall-bijodiversità għal EUR 7 biljun għall-perjodu 2021-2027 u għadd ta' Stati Membri tal-UE ħadu impenji simili. Il-Kunsill ihegġegħ lill-atturi rilevanti kollha jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Fond Qafas Globali għall-Bijodiversità stabbilit taħt il-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) u jappella lill-pajjiżi kollha biex jidentifikaw, sal-2025, u mbagħad jeliminaw gradwalment jew jirrifurmaw l-inċentivi, inkluż is-sussidji, li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, b'mod proporzjonat, ġust, effettiv u ekwu.
43. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tinkiseb in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030 u jilqa' l-COP16 għall-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni fl-Arabja Sawdija bħala l-mument biex tiġi aċċellerata l-azzjoni nazzjonali u dinjija fuq ir-restawr tal-art, is-saħħa tal-ħamrija, ir-reżiljenza għan-nixfa u t-tranżizzjoni ekoloġika.

44. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-istabbiltà ta' ċiklu dinji tal-ilma hija tħassib fil-livell dinji li jirfed il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-artijiet mistagħdra, fl-azzjonijiet għall-klima u l-bijodiversità. F'dan il-kuntest, u minħabba l-kriżi dinjija tal-ilma, il-Kunsill itenni l-importanza ta' approċċ strateġiku tal-UE għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-ilma u jissottolinja l-ħtieġa għal diplomazija msaħħa f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jinkoraġġixxi sforzi konġunti għal governanza multilaterali effettiva inkluż permezz tal-ħatra ta' Mibgħut Speċjali tan-NU dwar l-Ilma, integrazzjoni msaħħa tal-prijoritajiet relatati mal-ilma fi proċessi multilaterali rilevanti u djalogu intergovernattiv regolari dwar l-ilma bl-organizzazzjoni ta' aktar Konferenzi tan-NU dwar l-Ilma fl-2026 u l-2028 u s-Summit "One Water" li ser isir fi New York fl-2024. Il-Kunsill jilqa' l-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma bħala eżitu ewlieni tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 u l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar l-ilma fis-Sitt Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UNEA) u jappella għall-implimentazzjoni rapida tagħhom. Il-Kunsill jappoġġa l-istrateġija li ġejja għas-sistema kollha mmexxija minn UN Water dwar l-ilma u s-sanitazzjoni biex jissaħħa il-momentum politiku biex jinkiseb l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 6. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll it-tkomplija tal-globalizzazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Ilma dwar il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Lagi Internazzjonali li tista' tiffavorixxi l-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà dinjin.
45. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi tal-COP28 fuq il-ħtieġa għal aktar investment, azzjoni u appoġġ biex jitwaqqfu u jitreggħu lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030, inkluż permezz ta' ġestjoni sostenibbli msaħħa tal-foresti u agrikoltura u sistemi tal-ikel sostenibbli. L-UE qed tagħti sehemha u ser tinvolvi ruħha fi djalogu u kooperazzjoni mas-sħab, inkluż permezz ta' qafas strateġiku tal-UE għall-impenn, permezz tal-qafas tal-pakketti tal-pajjiżi għall-foresti, in-natura u l-klima, u fi ħdan l-Inizjattiva ddedikata ta' Tim Ewropa għal tranżizzjoni globali lejn ktajjen tal-valur mingħajr deforestazzjoni.

46. Filwaqt li jagħraf li s-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, huma affettwati minnhom u huma parti mis-soluzzjoni għalihom, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti għal tranżizzjoni lejn agrikoltura u sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti u jimpenja ruħu għal kollaborazzjoni kontinwa mas-sħab f'dan ir-rigward.
47. Il-Kunsill itenni r-rwol importanti tal-azzjoni bbażata fuq l-oċeani inkluż il-funzjoni tagħha ta' "karbonju blu", u dak tal-bijodiversità tal-baħar u kostali, fl-isforzi ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-ikel. Il-Kunsill għalhekk jissottolinja l-ħtieġa li jitwettaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 14 u li tiġi żviluppata ekonomija blu sostenibbli. Il-Kunsill għaldaqstant jappella għal governanza u djalogu internazzjonali aktar b'saħħithom dwar l-oċeani u jilqa' l-Konferenza "L-Oċean Tagħna" tal-2024 fil-Greċja u l-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025 fi Franza b'impenn li jipparteċipa fl-ogħla livell possibbli.
48. Il-Kunsill jappella lill-membri kollha tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) biex jadottaw żoni tal-baħar protetti ġodda fl-Oċean tan-Nofsinhar biex tiġi stabbilita sistema rappreżentattiva ta' Żoni tal-Baħar Protetti bħala riżultat konkret, fi ħdan il-mira 30x30 tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
49. Wara l-adozzjoni tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Diversità Bijoloġika tal-Baħar ta' Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali, li huwa kruċjali għas-saħħa tal-oċeani tagħna, il-Kunsill jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għar-ratifika rapida tiegħu u jappella lis-sħab biex iħaffu l-proċess ta' ratifika tagħhom sabiex il-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ fil-ħin għall-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025.
50. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Prospettiva ġdida rigward ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà - Nindirizzaw l-impatt tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali fuq il-paċi, is-sigurtà u d-difiża" u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa, komprensiva u rapida tagħha.

51. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' fehim kondiviż u msaħħaħ li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jwasslu għal aktar instabbiltà u kunflitti, u viċi versa, kif ukoll għat-tbatija umana, l-iskarsezza tar-riżorsi inkluż in-nuqqas ta' sigurtà tal-ilma u tal-ikel, l-ispostament intern u l-migrazzjoni furzata. Dawn jirrappreżentaw ukoll ostaklu għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jaffettwaw is-saħħa dinjija. Il-Kunsill għalhekk jappella għal aktar impenn dwar dawn il-kwistjonijiet f'fora multilaterali u internazzjonali rilevanti filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika lill-effetti sproporzjonati fuq persuni vulnerabbli, kif ukoll in-nisa u t-tfal, inkluż tfal f'kunflitti armati.
52. Il-Kunsill jilqa' l-ambizzjoni tal-Komunikazzjoni, li jissaħħu s-sħubijiet inkluż man-NU, in-NATO, l-Unjoni Afrikana, l-OSKE u sħab ewlenin rilevanti oħra, konsistenti mal-aġenda multilaterali usa' tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent u f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-UE u b'rispett sħiħ għall-awtonomija tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-Wegħdiet Konġunti tal-11-il membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) u l-isforzi tal-Grupp ta' Ħbieb tan-NU dwar il-Klima u s-Sigurtà biex sistematikament imexxu 'l quddiem u jindirizzaw il-fehim reċiproku u l-impenn fi ħdan il-KSNU dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà.
53. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li r-rabta bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà tiġi integrata fl-azzjoni esterna tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE fuq il-bażi ta' approċċ ta' gvern sħiħ integrat imsejjes fuq l-evidenza, u ppjanar u teħid ta' deċizzjonijiet imsaħħa imnebbħa mill-klima u l-ambjent mill-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll enfasi akbar fuq is-sensittività għall-kunflitti fl-azzjoni klimatika. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu l-isforzi għal tħejjija aħjar għat-tibdil fil-klima u kapacià mtejbja tal-UE biex tindirizza l-isfidi relatati mas-sigurtà b'rabta mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fl-azzjoni esterna tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE u billi jsir użu sħiħ minn pjattaforma ta' taħriġ iddedikata.

54. Il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni globali msaħħa biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali internazzjonali, inkluż it-traffikar tal-injam ippreparat, ta' organiżmi selvaġġi, tal-minerali u tal-iskart, bħala waħda mill-aktar forom ta' kriminalità organizzata li jħallu qligħ, li taffettwa l-ekosistemi kif ukoll is-sigurtà, l-istat tad-dritt, is-saħħa u l-ġhajxien tan-nies. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi bl-enfasi tiegħu fuq sħubija globali aktar b'saħħitha bejn il-pajjiżi tas-sors, tal-konsumatur u ta' tranżitu.
55. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-isforzi biex tiġi promossa t-tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-impenji globali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab. Filwaqt li jibni fuq l-approċċ ta' Tim Ewropa, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri kollha tal-UE, biex jintensifikaw b'mod konġunt id-diplomazija ekoloġika tal-UE bħala prijorità politika permezz ta' aktar koordinazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni permezz ta' networks rilevanti bbażati fuq il-kapital, inkluż in-Network Diplommatiku Ekoloġiku u l-Grupp ta' Esperti dwar id-Diplomazija dwar l-Enerġija, diskussjonijiet iddedikati fi Gruppi ta' Ħidma ġeografiċi u temiċi rilevanti tal-Kunsill u fil-livell lokali. B'rabta ma' dan u permezz ta' dawn il-mezzi, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri tal-UE, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jiskambjaw regolarment il-fehmiet tagħhom dwar id-diplomazija ekoloġika tal-UE. Fil-livell lokali, il-Kunsill iħeġġeġ koordinazzjoni u kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib bejn l-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE u d-Delegazzjonijiet tal-UE, fi spirtu ta' Tim Ewropa inkluż permezz tal-esplorazzjoni ta' ċentri informali tad-diplomazija ekoloġika, filwaqt li jaħdmu mill-qrib mas-sħab internazzjonali, biex jiġi massimizzat l-impatt tal-attivitajiet pubbliċi u l-appoġġ tal-UE. B'dawn il-Konklużjonijiet, il-Kunsill jissottolinja d-determinazzjoni tal-UE li taħdem mas-sħab biex tankra u tikkonsolida l-impenji globali, u biex dawn jissarrfu f'għanijiet, politiki u strumenti, b'kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali aktar ambizzjużi bħala wieħed mill-mezzi ewlenin biex jinkiseb dan. Il-Kunsill ser jagħti segwitu regolari dwar id-diplomazija ekoloġika tal-UE.